MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2004

Numru 335/2002

**Il-Pulizija**
**Spettur Marthese Micallef**
v

**MARCUS JOHN CALLEJA**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARCUS JOHN CALLEJA** ta' tmienja w ghoxrin sena bin Carmel u Carmen nee Fenech, imwieled H'Attard nhar l-hdax ta' Ottubru 1972 u joqghod Flat 1A, 'Eileen', Wied Hal Balzan, Balzan, detentur tal-karta tal-identita numru 500872M gie mressaq quddiemha akkuzat;

1. Talli fis-sebgha w ghoxrin ta' Awissu 2001, ghall-habta tal-erbgha w nofs ta' wara nofsinhar, gewwa l-Imdina, ikkommetta serq ta' stereo bis-serial

number RKH1058939EW minn go vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAU 993 ghad-dannu ta' Francis Mallia, liema serq huwa aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa;

2. Talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, f'Malta, xjentement laqa ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentement b'kull li jkun indahal sabiex jbieghhom jew imexxihom;

3. Talli f'dawn il-Gzejjer irrenda ruhu recidiv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Rat d-dokumenti kollha esibiti f'dawn l-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datat disgha w ghoxrin ta' April 2002 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara fis-seduta tat-tmintax ta' Novembru 2002 li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita meta sar l-ezami ai termini tal-artikolu 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Rat b'mod partikolari il-verbal tal-Qorti tal-hamsa ta' April 2004 [fol 160] fejn l-imputat iddikjara li qed jaghmel referenza ghal ammissjoni tieghu u fil-fatt ried lil istess Prosekuzzjoni tharrek numru ta' xhieda ghad-difiza tieghu.

Illi pero l-Qorti fliet il-process bir-reqqa u minn imkien ma jirrizulta effettivament li l-imputat kien irregistra ammissjoni.

**Il-Qorti semghet lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju** nhar l-wiehed u ghoxrin ta' April 2004. F'din is-seduta l-imputat spjiega kif dakinhar tas-sebgha w

ghoxrin ta' Awissu 2001, waqt li hu kien fil-kumpanija ta' persuna ohra bl-isem ta' Paul McKeown u marru l-Imdina u waqt li McKeown nizel jisraq stereo ta' karozza mill-vettura bin-numru ta' registrazzjoni EAU 993, huwa qaghad fil-vettura tieghu jistennih. Spjiega li dak iz-zmien huwa kellu problema ta' droga u fil-fatt dritt wara s-serq ta' dan l-istess stereo marru jbieghuh u bir-rikavat xtraw xi droga.

Illi rrizulta li dak l-lejl stes il-Pulizija tad-distrett tar-Rabat, baghtet ghalih u meta staqsietu biex jirritorna lura l-istereo li kien seraq, huwa kien ikkopera maghhom u gab lura l-istereo minnufih qabel effettivament ma gie nvestigat mill-Ispettur Prosekutur.

Illi ghalhekk a bazi ta' din x-xhieda tal-imputat stess, kif korroborata b'xhieda cirkostanzjali ohra, il-Qorti m'ghandha ebda triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuza ta' serq.

Dwar t-tieni akkuza, il-Qorti rat li din inghatat b'mod alternattiv ghar-reat ta' serq u ghalhekk, stante li sabet lil imputat hati tar-reat ta' serq bl-aggravju tal-mezz, stante l-isgass fil-vettura biex insteraq l-imsemmi stereo u bl-aggravju tax-xorta tal-haga misruqa, stante li gie misruq minn go vettura, il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjni ulterjuri tal-akkuza ta' ricettazzjoni.

Dwar t-tielet akkuza u cioe dik ta' recettazzjoni, il-Qorti rat d-diversi sentenzi esibiti mill-Prosekuzzjoni, b'mod partikolari dik moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) nhar t-tnejn u ghoxrin ta' Frar 2000 markata bhala dokument MM 3 a fol 21 et seq tal-atti, fejn l-Ufficjal Prosekutur kien l-Ispettur David Saliba, u rat li dan l-istess Spettur ikkonferma l-identita tal-imputat f'din is-sentenza nhar t-tmintax ta' Novembru 2002 u ghalhekk ma hemmx dubbju li tali akkuza tirrizulta ppruvata b'mod sodisfacenti.

Il-Qorti ma thossx li ghandha tissimpatizza wisq mal-imputat li dam sentejn biex jammetta l-akkuzi u hela dan il-hin kollu prezzjuz lil Qorti u ghalhekk zgur li l-imputat illum il-gurnata ma jippretendix li tali ammissjoni fix-xhieda

tieghu ghandha tigi kkonsidrata bhala fattur mitiganti ghal piena.

Illi nhar t-tmienja w ghoxrin ta' Mejju 2003 d-Difiza talbet lil Qorti sabiex jigi mhejji pre sentencing report dwar l-imputat u b'digriet tal-istess jum din il-Qorti ordnat lid-Direttur tal-Probation Services Limited sabiex jipprovi Probation Officer ghal dan l-ghan.

Illi permezz ta' nota tal-erbgha ta' Gunju 2003 din il-Qorti giet infurmata li s-Senior Probation Officer Miraim Sevasta kienet giet nominata sabiex thejji pre sentencing report dwar l-imputat.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Settembru 2003 dehret l-imsemmija **Senior Probation Officer Miraim Sevasta li ppresentat r-rapport taghha li gie mmarkat bhala dokument PO** a fol 127 tal-atti odjerni. Minn ezami ta' dan r-rapport jirrizulta li l-imputat kien qabad il-vizzju tad-droga wara li zzewweg u kellu l-ewwel tarbija meta kellu tlieta w ghoxrin sena. Huwa beda jithallat ma nies li kienu jaghmlu uzu mid-droga u b'hekk spicca waqa fil-vizzju bhalhom. Huwa kien jiehu kemm d-droga haxixa kif wkoll d-droga Eroina. Illi sussegwentement mart l-imputat saret taf bil-problema tieghu u l-imputat beda jattendi d-Detox Centre fejn beda jinghata il-methadone u kull ghajnuna ohra. Fil-fatt l-imputat dam hames snin jattendi d-Detox u fil-present jinsab taht il-kura ta' Doctor Joseph Theuma.

Illi sussegwentement ghal vizzju tad-droga, l-imputat qabad il-vizzju tas-serq biex isostni l-vizzju tad-droga. Kien f'dan il-perjodu li ddecida li jsegwi programm ta' rihabilitazzjoni kontra l-abbuz mid-droga.

**Illi kif jirrizulta mix-xhieda ta' Karm Borg,** rappresentant tal-Caritas, l-imputat ghamel programm mal-komunita Caritas billi waqt li kien qed jiskonta sentenza fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin, huwa segwa programm ta' Prison Inmate Programme, u meta ma kienx fil-Facilita, segwa il-programm minn barra, tant li anke ghadda ghal fazi ta' re-entry. Illi huwa ppresenta zewg certifikati datati ghoxrin ta'

April 2004 li jindikaw il-progress li l-imputat ghamel f'hajjtu dwar din l-problema akuta li hu kellu.

Illi din il-Qorti dejjem ghamlet minn kollox u dak kollu li huwa possibbli sabiex tghin lil kull min deher quddiemha bhala imputat u kellu din il-problema serju hafna u f'kazijiet bhal dawn, il-Qorti dejjem tat kull opportunita sabiex vittmi ta' droga jfiequ minn dan il-vizzju.

Din il-Qorti dan ghamlitu meta kienet konvinta li min kien quddiemha ried tassew u genwinament johrog minn dan il-problema u min wera rieda tajba w affidabilita u ghalhekk kien jisthoqqlu li jinghata cans li jfieq u jerga jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta.

Il-Qorti rat li f'dan il-kaz, veru l-imputat abhuza mill-uzu tad-droga u jirrizulta li l-isforzi tieghu biex jgheleb dan il-vizzju li certament ilu fuqu ghal zmien konsiderevoli, kien wiehed genwin tant li spicca l-kors u nonostante ghadu jmur ghal xi counselling sessions.  Illi l-imputat wera affidabilita u sincerita ghaliex fil-fatt sar progress posittiv tul dan iz-zmien kollu li ilu jmur l-Caritas.

Il-Qorti semghet wkoll lil imputat jghid li hu telaq mix-xoghol u cioe mill-impjieg tieghu mad-Drydocks, peress li l-Gvern tah *early retirement plan* u mis-somma flus li rcieva huwa hallas parti sostanzjali mid-dejn li huwa kellu mal-HSBC Home Loan fuq xiri ta' flat u skond ix-xhieda ta' missieru hallsu lura l-elf lira, s-somma li kien issillef minghandu fl-imghoddi biex jixtri vettura.

**Semghet wkoll lil Vincent Borg** bhala direttur tas-socjeta V&C Construction Limited jghid li l-imputat ilu jahdem mieghu u li huwa kuntent bil-performance tieghu.

Illi ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi il-Qorti thoss li ghandha taghti cans iehor lil imputat sabiex jirrintegra ruhu tajjeb fis-socjeta li, wara kollox hu wkoll jaghmel parti minnha u dan ghaliex temmen li l-isforz tieghu huwa wiehed genwin molto piu meta tqis li l-imputat ghamel dan il-progress kollu u fl-istess hin is-socjeta ma sofriet ebda danni materjali ghaliex r-res furtiva giet ritornata kollha.

Il-Qorti ezaminat l-fedina penali tal-imputat esibita a fol 4 et seq tal-atti minn fejn jirrizulta li l-imputat diga kiser dufrejh mal-ligi f'hames okkazjonijiet in konnessjoni ma reati ta' serq u xi kontravenzjonijiet zghar, meta l-imputat inghata sentenzi ta' multa, unconditional discharge u sentenzi ta' prigunerija.

Dan nonostante pero din il-Qorti hija propensa taghti l-ahhar cans lil imputat qabel ma tibghatu l-habs.

**Il-Qorti** rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikoli 261(b)(g), 263, 271, 278, 334, 49, u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u **tiddikjara li qed issib lill-imputat MARCUS JOHN CALLEJA hati tal-akkuza ta' serq kif aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u talli huwa recidiv u tordna li jitpogga taht ordni ta' probation ai termini tal-artikolu 7(1) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta ghal perjodu massimu ta' tlett snin u tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-akkuza ta' ricettazzjoni.**

**Tordna li din is-sentenza tigi notifikata lid-Direttur tal-Probation Services Limited sabiex jigi nominat Ufficjal tal-Probation idejali biex isegwi lil imputat probationer u dan ai termini tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------